MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 2298/1997/1

Avviz Nru:-2298/97DM

Jetglass Limited

vs

Oreste Cilia

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' seba' mija u hamsa u disghin lira Maltin u disa' u disghin centezmu (Lm795.99) rappresentanti din is-somma bilanc minn somma akbar rappresentanti din is-somma xoghol ta' tiswijiet fid-dghajsa proprjeta tieghu u parts mibjugha u kkonsenjati lilu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta fid-9 ta' Dicembru 1996 u l-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Oreste Cilia fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi m'huwiex minnu illi l-konvenut ghandu jaghti s-somma indikata lis-socjeta attrici;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16;

3 Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat is-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2001 fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu ta' din il-kawza jirrizulta mill-ewwel mid-deposizzjoni ta' Anthony Farrugia tat-13 ta' Gunju 2001 illi l-ammont li l-atturi qed jippretendu li ghadu dovut mill-konvenut muhiex dak indikat fl-avviz sis-somma ta' Lm795.99 (seba' mija u hamsa u disghin liri Maltin u disa' u disghin centezmu) izda huwa ammont ferm inqas fis-somma ta' Lm350.

Anthony Farrugia ghall-kumpanija attrici jispjega illi b'isvista kien zied l-ispejjez legali u l-imghaxijiet li pero' kienu gew mitluba wkoll fit-tieni parti tal-avviz.

Il-provi tal-kumpanija attrici dwar dan il-kreditu ta’ Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin) jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni ta’ Anthony Farrugia li jssostni illi wara illi l-partijiet kellhom xi disgwidi fuq xi hsarat u riparazzjonijiet fil-‘cabin cruiser’ mibjugha lill-konvenut, huma kienu ttransigew il-pendenzi u qablu illi l-konvenut ihallas ghas-saldu ta’ kollox is-somma ta’ Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin) u bi prova ta’ dan Anthony Farrugia pprezenta dokument AF (a fol 35 tal-process) fejn jirrizulta illi l-konvenut inghata discount ta’ Lm71 (wiehed u sebghin lira Maltin) fuq kont ghas-somma ta’ Lm421 (erba’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin) u gie ndikat bilanc dovut ta’ Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin) bil-partijiet jiffirmaw bhala konferma ta’ dan il-ftehim fit-18 ta’ Frar 1993.

Dan il-ftehim ma giex ikkontestat mill-konvenut anzi l-konvenut fid-deposizzjoni esawrienti tieghu jikkonferma li kien sar dan il-ftehim. Izda ikompli jsosstni illi wara dan il-ftehim kienu saru diversi tranzazzjonijiet ohra bejn il-kontendenti fis –sens illi l-konvenut kien xtara diversi oggetti ohra minghand l-atturi u hallas taghhom u fl-24 ta’ Gunju tal-1994 il-kovenut issostni illi ghamel pagament ghas-saldu tal-pendenzi li kellhom bejnithom il-kontendenti u hallas somma ta’ Lm526.(hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin) permezz ta’ cekk datat 23 ta’ Gunju tas-sena 1994 u giet rilaxxata rcevuta bil-kliem ‘full and final settlement” mill-konvenuti fl-24 ta’ Gunju tal-istess sena. In konferma ta’ dan il-konvenut esebixxa kopja tal-istess cekk u rcevuta mmarkati flimkien bhala dokument OC19 (a fol 68 tal-process).

Inoltre l-konvenut ipprezenta bhala dokument OC 23 (a fol 72 tal-process) “credit note” bin-numru 245 rilaxxata mill-kumpanija attrici fejn jirrizulta illi l-atturi kienu akkoncedaw lill-konvenut kreditu ta’ Lm90.05 (disghin lira Maltin u hames centezmi) sabiex bil-pagament li kien ghamel f’Gunju tal-1994 is-somma ta’ Lm526.(hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin) il-bilanc li dak iz-zmien kien pendenti fis-somma ta’ Lm616.05 (sitt mija u sittax il-lira Maltin u hames centezmi) gie kollu saldat.

Infatti l-"credit note" ta' Lm90.05 (disghin lira Maltin u hames centezmi) giet appositament mahruga sabiex tikkancella parti mill-bilanc ta' Lm616.05 (sitt mija u sittax il-lira Maltin u hames centezmi) li dak iz-zmien kien pendenti, biex b'hekk il-bilanc dovut mill-konvenut gie ridott ghas-somma ta' Lm526.(hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin).

Dan l-ammont gie mhallas ghas-saldu mill-konvenut fl-24 ta' Gunju tal-1994 (is-sena ndikata bil-pinna fuq il-kredit note li tirreferri ghal ircevuta 1910 kellha tkun 1994 u mhux 1996)

Dawn il-fatti kif allegati mill-konvenut u sorretti mid-dokumenti esibiti, ma gewx ikkontestati mill-atturi u ghaldaqstant il-Qorti issib illi t-talba  attrici mhiex gustifikata u qieghdha tilqa l-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut u tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-atturi

--------------------------------TMIEM--------------------------------